MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
JOSEPH BONNICI**

Seduta tat-22 ta' Settembru, 2003

Talba Numru. 1815/2001/1

**Middle Sea Insurance plc. Kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assigurat taghha Paul Mifsud abbazi tal-polza ta' assigurazzjoni u tal-ligi u l-istess Paul Mifsud
vs
Mario Galdes**

**It-Tribunal,**
**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat mis-socjeta' attrici, fis-27 ta' Dicembru, 2001, fejn intalab l-ammont ta' hames mija u tlettax -il lira Maltija u wiehed u sittin centezmu (LM513.61) peress illi fil-25 ta' Mejju, 2000, f'Valley Road, Msida, waqt li l-konvenut kien qieghed isuq il-vettura LAW 675, huwa habat mal-vettura BAV 798 ta' Paul Mifsud, u ghal-liema kollizjoni huwa responsabbli unikament il-konvenut minhabba traskuragni, imperizja, negligenza u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parte tieghu.**

**Peress illi s-socjeta' attrici abbazi tal-polza ta' assigurazzjoni li ghandha ma l-assigurat taghha**

**ikkompensatu tad-danni risultanti mill-imsemmi incident, ghajr ghall-eccess relattiv.**

**Peress illi b'rizultat ta' l-imsemmi kollizjoni kkawzata mill-konvenut, l-atturi soffrew danni ammontanti ghal hames mija u tlettax –il lira Maltija u wiehed u sittin centezmu (LM513.61) u nonostante li l-konvenut gie nterpellat sabiex ihallas, huwa baqa' inadempjenti.**

**Ghaldaqstant l-atturi jitolbu li l-konvenut jigi ddikjarat unikament responsabbli ghall-incident in kwistjoni, minhabba negligenza, imperizja, traskuragni u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti ta' traffiku da parte tieghu u li jigi kkundannat ihallas lill-atturi s-somma ta' hames mija u tlettax -il lira Maltija u wiehed u sittin centezmu (Lm513.61) inkwantu ghal erbgha mija u tmienja u tmenin lira Maltija u wiehed u sittin centezmu (LM 488.61) lis-socjeta' attrici u hamsa u ghoxrin lira Maltija (LM25.00) lill-attur Paul Mifsud.**

**Bl-ispejjez inkluzi ta' l-ittra legali tas-17 ta' Lulju, 2000, u dawk ta' l-ittra ufficjali prezentata kontestwalment kontra l-assigurazzjoni tieghu, kontra l-konvenut, li gie ngunt ghas-subizzjoni.**

**Ra r-risposta prezentata mill-konvenut fit-18 ta' Frar, 2002, fejn intqal illi t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda peress li mhux minnu li l-konvenut ikkawza lill-assikurat tas-socjeta' attrici danni li jammontaw ghas-somma ta' hames mija u tlettax –il lira Maltija u wiehed u sittin centezmu (LM513.61).**

**Il-habta kienet wahda minima u trid tigi ppruvata ukoll ir-responsabilita' ta' l-istess habta.**

**Sema' x-xhieda u ezamina d-dokumenti.**

**Ikkunsidra;**

**Illi l-kwistjoni in dezamina hija pendenti perenalli li tqum ta' sikwit, aktar u aktar meta ma jsir l-ebda spezzjoni fuq il-vettura daneggjata la mix-xufier**

kontroparti u /jew is-socjeta' assikuratrici tieghu. Dan jissucjedi specjalment meta l-vettura tkun koperta b'polza ta' natura 'comprehensive.'

Ir-responsabilita' giet annessa seduta stante 'Icto oculi', id-daqqa tkun tidher minima. Meta pero' tigi ghar-riparazzjoni l-istorja tiehu volta ohra. Din hi l-unika kontestazzjoni tal-konvenut tramite prova vizwali tieghu.

Jidher mir-rapport dettaljat tas-surveyor a Volum 13 li d-danni konsegwiti jikkombaccjaw mal-versjonijiet moghtija miz-zewg sewwieqa, inkluz il-konvenut. L-entita' taghha wara debita spezzjoni kienet tinvolvi aktar minn dak li kien qed jissoponi l-konvenut. Jirrezult pero' li fejn seta jissewwa, ma giet sostitwita l-ebda parti. Nofs il-kont jikkonsisti f'mano d'opera, nofs l-iehor f'parti. Lanqas ma gie prezentat il-kont ghal 'loss of use.'

It-Tribunal jirrileva li meta ghamel addizzjoni tal-kontijiet esebiti a Volum 14/15/16, dan jammontaw ghal erba' mitt lira u sebgha u erbghin lira Maltija u hdax –il centezmu (LM447.11) cioe:

| | |
|---|---|
| Survey Report | LM 10.00 |
| Parts | LM 30.00 |
| Parts | LM 1.90 |
| Labour/Spray/Rust Proofing | |
| Windscreen bonding | LM242.25 |
| Parts | LM162.96 |

LM447.11

Dan l-ammont qed jigi accettat bhala punt.

Jiddeciedi billi fuq ammissjoni tal-konvenut jiddikjarah unikament responsabbli ghall-incident tal-25 ta' Mejju, 2000, tichad l-eccezzjoni tal-konvenut, tilqa' t-talba attrici limitatament ghas-somma ta' erba' mija u sebgha u erbghin lira Maltija u hdax –il

**centezmu (Lm447.11), inkwantu ghal hamsa u ghoxrin lira Maltija (LM25.00) excess imhallas mill-attur u erbgha mija u tnejn u ghoxrin lira Maltija u hdax –il centezmu (LM422.11) ghal liema tinsab surregata l-istess socjeta' attrici, bl-ispejjez u bl-interessi kif mitluba.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------